MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 1107/1997/1

Carmen Theuma
vs
Dipartiment ta' l-Edukazzjoni

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1991/1994 hija sofriet ingustizzja f' li ingustament michuda milli tirrizumi d-doveri taghha ghal perjodu ta' madwar hames xhur bejn 30 ta' April 1991 u 14 ta' Settembru 1991.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Hija kienet giet impjegata mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fil-grad ta' "Kindergarden Assistant" fit-3 ta' Dicembru 1975. Fil-bidu ta' l-impjieg taghha kienet giet stazzjonata Zebbug Primary School. Matul il-perjodu ta' l-

impjieg taghha kienet ghamlet diversi skejjel. Qalet li matul il-perjodu ta' l-impjieg taghha dejjem ghamlet xogholha b'kull responsabilita` u qatt ma kellha rapporti hziena kontra taghha, anzi fil-fatt kellha rapporti tajbin kemm mill-Heads taghha kif ukoll mill-pubbliku. Wara 15-il sena hija kienet talbet biex tiehu sick leave biex tmur l-Awstralja dan kienet talbitu fuq parir tat-tabiba Marlene Attard u Prof. Abram Galea. Hija kienet ghamlet talba ghal tlieta jew erba xhur (3/4 months leave unpaid). Ghalkemm dan il-leave gie approvat verbalment minn Lawrence Galea u Frederick Azzopardi li kienu fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni Ghawdex dan is-Sick Leave gie approvat minghajr hlas. Qalet li sakemm dan il-Leave gie approvat verbalment hija kienet kitbet diversi drabi minghajr l-ebda twegiba. Fil-fatt biex hija kienet taf li dan il-leave gie approvat kellha tmur hija personali l-Ministeru. F'Novembru 1990 hija kienet marret l-Awstralja. F'Jannar 1991 hija kienet talbet permezz ta' ittra biex il-leave taghha jigi mtawwal ghal xi xaharejn ohra. Dan il-leave gie approvat permezz ta' ittra ffirmata minn Victor Grech, hija kienet giet mitluba tghid id-dati ezatti ta' meta kienet ser tidhol ghax-xoghol. Hija kienet kitbet lura fejn qalet li kienet diehla ghax-xoghol fit-30 ta' April 1991. Meta hija waslet lura Malta sabet ittra fejn tghid li hija ma setghetx tidhol ghax-xoghol qabel il-15 ta' Settembru 1991. Ir-rikorrenti kienet marret kemm il-Ministeru kif ukoll l-ufficcju tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni u kienet kellmet lill-Ministru personali fejn kien qalilha li hija setghet tidhol ghax-xoghol immedjatament u dak il-granet li baqghet barra tithallas taghhom. Wara dan kien cemplilha Frederick Azzopardi u qralha ittra li kien baghat il-Ministru li kienet tghid l-istess haga li kien qalilha l-Ministru. Wara madwar xaharejn tistenna giet ittra fejn kienet tghid li hija ma tistax tidhol ghax-xoghol qabel 15 Settembru 1991. Minhabba dawn ic-cirkustanzi hija kellha tissellef mill-Bank biex ikollha biex tiekol li ghaliha kienet umiljazzjoni kbira.

Barra minn hekk ziedet li hija kellha diversi kawzi tal-Qorti Kriminali fejn hija kienet mitluba tixhed ghall-prosekuzzjoni. Kull darba li hija telghet il-Qorti gew maqtugha granet mill-paga taghha. Ir-rikorrenti ghandha fil-pussess taghha ittra fejn tghid li meta impjegat tal-

Gvern jitla' jixhed ghal Pulizija ma tinqatalux paga jew leave. Hija ikkalkulat li qatghulha 20 gurnata paga bejn Awissu u Settembru 1994. Ghaldaqstant ir-rikorrenti kkonkludiet li dawn kienu ingustizzji politici peress li hija attiva f'partit politiku.

Illi hija kien bi hsiebha ggib biex issostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebha ggib prova dwarhom bix-xhieda taghha.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi tinghata dak kollu li tilfet, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi din il-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur ta' l-Edukazzjoni, li eccepixxa:

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-intimat gie mharrek inutilment u l-anqas huwa l-legittimu kontradittur tar-rikorrenti u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda stante illi ma jinkwadrawx ruhhom fl-ambitu tal-Art 6 tal-Att VIII tal-1997.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehdet ir-rikorrenti li kkonfermat il-kontenut tar-rikors u qalet fil-hmistax-il sena li damet bhala Kindergarden Assistant qatt ma hadet sick leave hlief fl-1984. Spjegat li meta l-applikazzjoni ghal sick leave bil-hlas kienet fin-negattiv applikat ghal unpaid leave. Ziedet tghid li ma kellha xejn li japprova l-unpaid leave. Tkellmet ma' Frederick Azzopardi u ma' Lawrence Galea u qaltilhom li kellha bzonn issiefer. Semmiet li huma kienu tawha l-approvazzjoni imma mhux bil-kitba. Ziedet tghid li meta kienet l-Awstralja kienet kitbet lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u talbithom biex jastendulha l-leave u hi kienet irciviet ittra a fol 15 tal-process fejn giet infurmata li l-leave gie estiz. Qalet li minn hemm regghet baghtet ittra biex tinforma lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni meta ser terga lura Malta. Din giet esebita a fol 16. Ipprezentat ukoll dokument a fol 17 tal-process li hi ittra li baghtulha d-dar mill-Education li tghid li hi ma setghetx terga lura ghax-xoghol. Qalet li kellmet lil Dr. Ugo Mifsud Bonnici li kien zguraha li ser terga tidhol lura ghax-xoghol u ghalhekk regghet kitbet lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni izda hi esebiet ir-risposta a fol 19 tal-process li kienet fin-negattiv. Semmiet li wara dawn ic-cirkostanzi hi sabet ruhha minghajr finanzi u fil-fatt kellha tmur il-Bank biex tissellef il-flus. Qalet ukoll meta hi sussegwentement kienet tahdem fl-1994 kienet titla' l-Qorti bhala xhud tal-Pulizija kien tnaqqsilha l-flus mill-paga avolja mhux suppost.

Xehed Frederick Azzopardi li qal li jiftakar lir-rikorrenti peress li kienet marret tkellmu peress li ddecidiet li tmur l-Awstralja ghalhekk kienet lesta tiehu tlett xhur minghajr hlas. Qal li hu kien tkellem man-nies ix-Xaghra fejn kienet stazzjonata hi u kienu zgurawha li hi mhix se titlef il-post tax-xoghol taghha. Qal li r-rikorrenti mill-Awstralja talbet ghal estensjoni ohra tal-leave, din kienet tiskadi f'April u hi talbet estensjoni sa Settembru. Zied ighid li l-estensjoni tal-leave giet approvata. Spjega li wara dan ir-rikorrenti kienet cemplet lid-Dipartiment tax-Xaghra u nfurmathom li mhux ser tidhol f' Settembru izda f'Mejju, kienu qalulha li dan ma kienx possibli ghax il-leave kien approvat sa Settembru. [Hemm ittra fil-process a fol 15 datata 22 ta'

Marzu, 1991 b'risposta ghal ittra tar-rikorrenti tat-22 ta' Jannar, 1991 li tghid li "Your leave has been extended to the 14th September, 1991."] Qal ukoll li d-Direttur tal-Edukazzjoni kien Frederick Fearne u l-ittra li r-rikorrenti kitbet kienet indirizzatha lilu u kien qal li seta' jagixxi biss fuq approvazzjoni tal-M.P.O, izda qal jidher li risposta mill-MPO dwar il-kaz tar-rikorrenti ma kenitx waslet.

Xehed <u>David Degabriele</u> Assistant Director Human Resources u qal li fl-1990 kien il-Personal Assistant tad-Direttur Generali tal-Edukazzjoni. Semma li fis-16 ta' Frar 1990 ir-rikorrenti kienet ghamlet talba ghal erba' xhur leave bla hlas biex tmur l-Awstralja dan minhabba trattament mediku. Qal li fid-9 ta' Novembru 1990 kienet harget ittra mill-establishments tal-M.P.O. dwar l-approval ghal tlett xhur unpaid leave. Qal li r-rikorrenti kienet giet infurmata li nghatalha unpaid leave sal-14 ta' Settembru 1991. Wara din kienet saret talba mid-Direttur is-Sur Fearne lil M.P.O. biex jara japprovax lir-rikorrenti ddum iktar bl-unpaid leave u din it-talba ma kenitx giet milqugha mill-M.P.O. u fil-fatt kienet giet rifjutata. Spjega li hemm cirkolari tal-1987 li tghid "teaching grades be granted unpaid leave up to end of any scholastic year", li dan kien jinkludi wkoll il-perjodu segwenti tal-vakanzi tas-Sajf. Qal li din hi l-prattika ma' kulhadd. Qal li d-Dipartiment ghalhekk kien avza lir-rikorrenti permezz ta' zewg ittri li kienu ntbaghatulha wahda ghand ohtha u l-ohra l-Awstralja biex l-approval inghatalha sa tmiem il-holidays tal-iskola sal-15 ta' Settmbru 1991.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li l-ilment tar-rikorrenti huwa bazat fuq zewg aspetti, l-ilment relattiv ghall-fatt li kellha titla' tixhed il-Qorti diversi drabi u tilfet il-leave u spiccat minghajr paga ghal dawk il-granet u l-ilment principali li ma kenitx giet imhollija tirritorna lura ghax-xoghol meta riedet hi.

Dwar l-ewwel aspett tal-ilment it-Tribunal bil-fors jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-intimat li din ma taqax fil-kompetenza tat-Tribunal u infatti t-Tribunal ihossu meraviljat kif biss tali haga giet imsemmija f' rikors

prezentat quddiemu. Anqas biss hu l-kaz li t-Tribunal joqghod jikkwota minn sentenzi dwar il-kompetenza ***ratione materiae*** tieghu izda jaghmel referenza biss ghall-kawza fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Company Services Limited deciza fl-14 ta' Dicembru 1999. Ghalhekk jiddikjara li dan l-aspett tal-ilment jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae***.

Dwar l-ilment principali tar-rikorrenti jinghad li dan hu bazat fuq il-fatt li hi kienet talbet fis-16 ta' Frar 1990 ghal erba' xhur sick leave biex tmur l-Awstralja "to undergo medical treatment" (fol 61) u peress li baqghet bla twegiba fil-25 ta' Ottubru regghet kitbet (fol 62), waqt li (fol 63) fid-9 ta' Novembru 1990 inghata l-permess mill-MPO ghal tliet xhur unpaid leave sal-10 ta' Frar 1991. Fit-22 ta' Marzu 1991 (fol 15) id-Direttur tal-Edukazzjoni b' referenza ghall-ittra tar-rikorrenti tat-22 ta' Jannar 1991 estenda l-unpaid leave sal-14 ta' Settembru 1991 izda fit-23 ta' Marzu 1991 (fol 16 u 64) fejn talbet li tidhol lura ghax-xoghol b' effett mit-30 ta' April 1991. Fis-17 ta' April 1991 id-Direttur tal-Edukazzjoni kiteb lir-rikorrenti li l-leave huwa sal-14 ta' Settembru 1991 u "you may not resume duties before 15th September 1991" u mill-MPO f' Gunju 1991 (fol 67) gie deciz li t-talba tar-rikorrenti ma setghetx tigi milqugha. L-Assistant Direttur Human Resources David Degabriele spjega li l-policy kienet li jinghata l-leave sat-tarf tal-ischolastic year minhabba li l-iskop kien li meta jkun hemm leave sa vicin it-tarf tas-sena jigu inkluzi l-vakanzi tas-sajf. Huwa ovvju li f' dan kollu ma tirrizulta ebda ingustizzja fit-termini tal-Kap 394.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat u naturalment jichad it-talba tar-rikorrenti.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------